# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta’ nhar it-Hamis dsatax (19) ta’ Ottubru 2017**

**Rikors Numru 295/17 FDP**

**Fl-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Nru 1935/14**
**U**
**tac-Cedola Nru 2068/14**
**fl-ismijiet**

**Hal Mann Vella Limited**
**(C 28088)**

**vs**

**Maria Rosaria Micallef**
**(ID 421647M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat minn Maria Rosaria Micallef fl-4 ta’ Ottubru 2017 fejn ir-rikorrenti talbet is-segwenti:

1. Illi ghalkemm huwa minnu illi s-societa sekwestranti otjeniet fil-konfront taghha s-sentenza imsemmija fil-mandat fl-ismijiet premessi, l-istess socjeta ghadha debitrici fil-konfront tal-esponenti f’ammont ikbar rapprezentanti bilanc mhux imhallas, spejjez u imghaxijiet in konnessjoni ma sentenza ohra precedenti fl-ismijiet inversi (Avviz Nru CCT 177/07) deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur fid-29 ta' Ottubru 2008, kif ukoll ta' ammont iehor rapprezentanti l-ispejjez ta' l-appell Nru 21/2011 RCP decizi ukoll favur l-esponenti: u dan ghal total kumplessiv ta' €1,186.13 (kif hemm spiegat fir-rikors ghall-izbank tac-cedola Nru 2748/09)

2. Illi ghaldaqstant dan il-mandat qatt ma kellu jintalab, billi kellha issir tpacija *ipso jure* bejn l-ammonti mirbuha mill-esponenti u l-ammont mirbuh mis-sekwestranti u b’dan illi xorta jibqa' bilanc dovut lill-esponenti;

3. Illi inoltre s-socjeta sekwestranti kienet diga fis-sena 2009 talbet il-hrug ta’ mandat ta' sekwestru kawtelatoriu fil-konfront ta' l-esponenti f’ammont ikbar minn dak odjern (Nru 3464/09), liema

ammont gie depozitat permezz tac-cedola Nru 2748/09, fl-atti ta’ liema cedola l-esponenti qed titlob l-izbank: b’konsegwenza tal-mandat odjern Bank of Valletta plc regghet iddepozitat mill-gdid il-flus kollha pretizi mis-socjeta sekwestranti permezz ta' cedola Nru 2068/14. Ghaldaqstant apparti fatt li l-esponenti ghandha tiehu u mhux taghti, jigi umilment sottomess illi s-sekwestranti qatt ma kellha titlob is-sekwestru mill-gdid fuq il-kontijiet bankarji ta' l-esponenti u kellha semmai titlob li dan il-mandat jigi ezegwit esklussivament fuq il-flus diga depozitati favur taghha fic-cedola Nru 2748/09 u ghalhekk ukoll ghandhom jigu rifuzi lill-esponenti l-ispejjez tat-tieni cedola, liema spejjez gew provokati inutilment;

4. Illi peress illi l-partijiet diga pprezentaw is-sentenzi u t-taxxi rilevanti u ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom bejn l-ammonti dovuti reciprokament bejniethom fl-atti ghar-rikors ghall-izbank tac-cedola Nru 2748/09, l-esponenti qed titlob ukoll illi dan ir-rikors jigi konness ma’ l-imsemmi rikors ghaz-zbank sabiex iz-zewg rikorsi jigu degretati kontestwalment.

Ghaldagstant l-esponenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

i. Tannulla, tirrexxindi u thassar il-mandat ta sekwestru fl-ismijiet premessi Nru 1935/14 u dan ghar-ragunijiet premessi, kif ukoll konsegwentement tordna l-izbank tac-cedola Nru 2068/14 favur l-esponenti:

ii. Tordna l-konnessioni ta' dan ir-rikors mar-rikors ghall-izbank tac-cedola Nru 2748/09, liema rikors ghaz-zbank jinsab pendenti quddiem din l Onorabbli Qorti kif presjeduta mill-Onor. Mag. Dr Charmaine Galea, sabiex iz zewg rikorsi jigu degretati kontestwalment, kif ukoll tordna li d-dokumenti kollha prezentati mill-partijiet fl-atti tac-cedola msemmija

Rat illi fis 6 ta’ Ottubru 2017 il-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat 12 ta’ Ottubru 2017.

Rat ir-risposta tas-socjeta Hal Mann Vella Limited ppresentata fit 12 ta’ Ottubru 2017 fejn qalet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta esponenti ghandha kull interess li jitpaccew il-krediti dovuti lil- partijiet illum qabel ghada;

2. Illi ghalhekk hija tissottometti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa it-tieni talba tar-rikorrenti u tordna l-konnessjoni ta' dan ir-rikors ghall-izbank ma' dak ir-rikors ghall izbank tac-cedola nru 2 u dana sabiex iz-zewg rikorsi jigu degretati kontestwalment;

3. Illi dwar t-talba sabiex il-mandat jigi annulat, rexiss u mhassar, l-esponenti tissottometti li din it-talba ma ghandhiex tigi deciza f dan l-istadju tenut kont li l-atti ghandhom jigu konnessi ma' atti ohrajn allura ghandha tkun il-Qorti l-ohra li tiddegreta din it-talba fin-nuqqas li l-partijiet isolvuha qabel tali digriet.

Rat illi fit 12 ta’ Ottubru 2017 ir-rikorrent gharraf lill-Qorti illi kien qieghed jirtira t-tieni talba minnu maghmulha stante illi kienet inghatat id-decizjoni mill-Qorti imsemija ppresjeduta mill-Magistrat Charmaine Galea.

Rat illi fit 12 ta’ Ottbru 2017 is-socjeta Hal Mann Vella Limited talbet zmien sabiex tirregola ruhha.

Rat illi l-kawza giet differita ghas 16 ta’ Ottubru 2017.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta’ Ottubru 2017, is-socjeta Hal Mann Vella Limited, tramite il-konsulent legali taghha, gharrfet lill Qorti illi ma kellha ebda oggezzjoni illi tintlaqa l-ewwel talba tar-

rikorrenti Maria Rosaria Micallef, ossija illi jithassa il-Mandar Nru 1935/14 kif ukoll jigi awtorizzat l-izbank tac-cedola Nru 2068/14.

Rat illi fis 16 ta' Ottubru 2017 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha tal-process,

Wara illi rat illi r-rikorrenti Maria Rosaria Micallef irtirat it-tieni talba taghha fit 12 ta' Ottubru 2017.

Wara illi rat illi s-socjeta intimata Hal Mann Vella Limited, ddikjarat, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2017, illi ma kellha ebda oggezzjoni illi tintlaqa l-ewwel talba tar-rikorrenti,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tastjeni** milli tikkunsidra t-tieni talba rikorrenti,

**Tilqa** l-ewwel talba tar-rikorrenti, u ghalhekk,

**Tordna** t-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1935/14

**Tordna** l-izbank tac-Cedola Nru 2068/14 a favur tar-rikorrenti Maria Rosaria Micallef.

Spejjez tal-proceduri odjerni w tal-kontro mandati relattivi ikunu kollha a kariku tas-socjeta intimata Hal Mann Vella Limited.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur